SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

5 ta' Mejju 2011 *

Fil-Kawżi magħquda C-230/09 u C-231/09,

li għandhom bħala suġġett talbiet għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 234 KE, imressqa mill-Bundesfinanzhof (il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjonijiet tal-31 ta' Marzu 2009, li waslu fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-25 ta' Ġunju 2009, fil-proċeduri

Hauptzollamt Koblenz (C-230/09)

vs

Kurt Etling und Thomas Etling in GbR,

fil-preżenza ta':

Bundesministerium der Finanzen,

u

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

Hauptzollamt Oldenburg (C-231/09)

vs

Theodor Aissen,

Hermann Rohaan,

fil-preżenza ta':

Bundesministerium der Finanzen,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn A. Tizzano, President ta' Awla, A. Borg Barthet, M. Ilešič (Relatur), M. Safjan u M. Berger, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Mazák,
Reġistratur: B. Fülöp, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-11 ta' Mejju 2010,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għall-Hauptzollamt Koblenz, minn C. Busse, Regierungsdirektor,

— għal Kurt und Thomas Etling in GbR, minn G. Zulauf, avukat,

— għall-Hauptzollamt Oldenburg, minn A. Kramer u W. Uhlig, Regierungsdirektoren,

— għal T. Aissen, minn A. Enninga, avukat,

— għal H. Rohaan, minn D. Schuhmacher, avukat,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn G. von Rintelen u H. Tserepa-Lacombe, bħala aġenti.

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-14 ta' Settembru 2010,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talbiet għa deċiżjoni preliminari jikkonċernaw l-interpretazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1788/2003, tad-29 ta' Settembru 2003, li jistabbilixxi taxxa fil-qasam tal-ħalib u l-prodotti mill-ħalib (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 40, p. 391), kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2217/2004, tat-22 ta' Diċembru 2004 (ĠU L 352M, p. 71, iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 1788/2003").

2 Dawn it-talbiet tressqu fil-kuntest tal-Kawża C-230/09, bejn il-Hauptzollamt Koblenz (uffiċċju prinċipali tad-dwana ta' Koblenz) u Kurt und Thomas Etling in GbR u l-Kawża C-231/09, bejn il-Hauptzollamt Oldenburg (uffiċċju tad-dwana prinċipali ta' Oldenburg) u T. Aissen u H. Rohaan, u kienu jikkonċernaw rispettivament, minn naħa, id-determinazzjoni tal-kwantità ta' referenza li permezz tagħha jiġi ffissat l-ammont tal-premium għall-prodotti mill-ħalib u, min-naħa l-oħra id-determinazzjoni tal-bażi li fuqha hija ffissata l-parteċipazzjoni għall-allokazzjoni mill-ġdid tal-parti mhux użata tal-kwantità ta' referenza nazzjonali allokata għall-kunsinni.

Il-kuntest ġuridiku

Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni

Il-leġiżlazzjoni li tikkonċerna t-taxxa fis-settur tal-ħalib

3 Peress li ppersista l-iżbilanċ bejn l-offerta u d-domanda fis-settur tal-ħalib, permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 856/84, tal-31 ta' Marzu 1984, li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 804/68, fuq l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur tal-ħalib u ta' prodotti oħra tal-ħalib (ĠU L 90, p. 10), fl-1984 ġiet stabbilita sistema ta' taxxa supplementari fl-imsemmi settur, li kienet ibbażata fuq il-prinċipju li taxxa hija dovuta għal kwantitajiet ta' ħalib u/jew prodotti oħra tal-ħalib li jeċċedu kwantità ta' referenza li għandha tiġi ddeterminata.

4 Fl-istess jum ġie adottat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 857/84 li jadotta regoli ġenerali għall-applikazzjoni tat-taxxa msemmija fl-Artikolu 5c tar-Regolament (KEE) Nru 804/68 fis-settur tal-ħalib u tal-prodotti mill-ħalib (ĠU L 90, p. 13).

5 Is-sistema ta' taxxa supplementari ġiet estiża diversi drabi, b'mod partikolari permezz tar-Regolament tall-Kunsill (KEE) Nru 3950/92, tat-28 ta' Diċembru 1992, li jistabbilixxi taxxa supplementari fis-settur tal-ħalib u tal-prodotti mill-ħalib (ĠU L 405, p. 1), li ġie emendat numru ta' drabi.

6 B'mod partikolari b'intenzjoni ta' semplifikazzjoni u ta' kjarezza, dan l-aħħar regolament tħassar u ġie ssostitwit permezz tar-Regolament Nru 1788/2003 li, min-naħa tiegħu,

tħassar u ġie ssostitwit permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007, tat-22 ta' Ottubru 2007, li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) (ĠU L 299, p. 1), b'effett mill-1 ta' April 2008. Madankollu l-kawżi prinċipali jibqgħu rregolati *ratione temporis* bir-Regolament Nru 1788/2003.

7 Il-premessi 5, 10 u 14 tar-Regolament Nru 1788/2003 ġew redatti kif ġej:

"(5) It-taxxa għandha tkun stabbilita fuq livell disswassiv u għandha titħallas mill-Istati Membri jekk il-kwantità tar-referenza nazzjonali tkun inqabżet. L-Istat Membru, imbagħad, għandu jaqsam il-piż tal-ħlas fost il-prodotturi li jkunu wasslu biex jinqabeż il-limitu. F'rabta ma' l-Istat Membru, dawn ta' l-aħħar għandhom ikunu responsabbli għall-ħlas tal-kontribuzzjoni tagħhom tat-taxxa dovuta minħabba li dawn ikunu qabżu l-kwantità disponibbli tagħhom.

[…]

(10) […] L-għadd tal-kwantitajiet allokati lill-produtturi mill-Istati Membri ma jistax jaqbeż il-kwantitajiet tar-referenza nazzjonali. […]

[…]

(14) Biex ikun żgurat li l-amministrazzjoni ta' l-iskema tibqa' flessibbli, l-Istati Membri għandhom ikunu awtorizzati li jallokaw mill-ġdid il-kwantitajiet tar-referenza mhux użati fit-tmiem ta' perjodu, jew lokalment jew bejn ix-xerrejja."

8 Ir-Regolament Nru 1788/2003 kien jistabbilixxi regoli ta' tqassim bejn il-produtturi, f'forma ta' kwantitajiet ta' referenza individwali, ta' kull kwantità ta' referenza nazzjonali.

9 L-Artikolu 4 ta' dan ir-regolament kien jipprovdi:

"I[t]-taxxa għandha tkun allokata kollha kemm hi, fi qbil mad-diżposizzjonijiet ta' l-Artikli 10 u 12, bejn il-produtturi li jkunu wasslu biex ikun hemm iż-żejjed fil-kwantitajiet tar-referenza nazzjonali msemmija fl-Artikolu 1(2).

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 10(3) u l-Artikolu 12(1) u f'rabta ma' l-Istat Membru, il-produtturi għandhom ikunu responsabbli għall-ħ[l]as tal-kontribuzzjoni tagħhom tat-taxxa dovuta. Din għandha tinħadem fi qbil mad-diżposizzjonijiet tal-Kapitlu 3, minħabba li dawn ikunu qabżu l-kwantitajiet tar-referenza disponibbli tagħhom."

10 L-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1788/2003 kien jipprovdi:

"Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament:

[…]

(i) (għ)'kwantità nazzjonali tar-referenza' [kwantità ta' referenza nazzjonali] tfisser il-kwantità tar-referenza ffissata fl-Anness I għal kull Stat Membru;

[j] ‘kwantità individwali tar-referenza’ [kwantità ta’ referenza individwali] tfisser il-kwantità tar-referenza ta’ produttur fl-1 ta’ April ta’ kull perjodu ta’ tnax-il xahar;

(k) (ħ)‘kwantità tar-referenza disponibbli’ tfisser il-kwantità tar-referenza disponibbli għall-produtturi fil-31 ta’ Marzu tal-perjodu ta’ tnax-il xahar li għalihom trid tinħadem it-taxxa, waqt li jitqiesu t-trasferimenti kollha, il-bejgħ, il-bidliet u l-allokazzjonijiet temporanji mill-ġdid li hemm imsemmija f’dan ir-Regolament li jkunu saru matul dak il-perjodu ta’ tnax-il xahar.”

11 Skont l-Artikolu 6(5) tar-Regolament Nru 1788/2003:

“Il-kwantitajiet individwali tar-referenza [kwantitajiet ta’ referenza individwali] jistgħu jinbidlu, meta jkun xieraq, għal kull perjodu ta’ tnax-il xahar ikkonċernat, biex, għal kull Stat Membru, l-għadd tal-kwantitajiet individwali tar-referenza [kwantitajiet ta’ referenza individwali] għat-twassil [għall-kunsinna] u dak għall-bejgħ dirett ma jaqbżux il-parti li tikkorrispondi tal-kwantità nazzjonali tar-referenza addattata fi qbil ma’ l-Artikolu 8, waqt li jitqies ukoll kull tnaqqis li jsir għall-allokazzjoni għar-riżerva nazzjonali kif imfisser fl-Artikolu 14.”

12 L-Artikolu 10(3) tal-istess regolament kien jipprovdi l-possibbiltà li ssir allokazzjoni mill-ġdid tal-parti mhux użata tal-kwantità ta’ referenza nazzjonali allokata għal-kunsinni. Huwa kien jipprovdi:

“Kull kontribuzzjoni ta’ produttur għall-ħlas tat-taxxa għandha tkun stabbilita b’deċiżjoni mill-Istat Membru, wara li kull parti mhix użata tal-kwantità tar-referenza lokali [kwantità ta’ referenza nazzjonali] li tkun ġiet allokata għat-twassil [għall-kunsinna] tkun jew ma tkunx ġiet allokata mill-ġdid, fi proporzjon għall-kwantitajiet tar-referenza individwali ta’ kull produttur jew skond kriterji oġġettivi li għandhom jitwaqqfu mill-Istati Membri:

a) jew fuq livell lokali [nazzjonali] fuq il-bażi ta' l-ammont li bih kull kwantità tar-referenza ta' produttur tkun inqabżet,

b) jew l-ewwel fuq il-livell tax-xerrej u minn hemm 'il quddiem fuq livell nazzjonali meta jkun xieraq."

13 L-Artikoli 15 sa 20 tar-Regolament Nru 1788/2003 kienu jiffissaw ċerti kundizzjonijiet li fihom il-kwantitajiet ta' referenza individwali setgħu jiġu ttrasferiti.

14 L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 16(1) ta' dan ir-regolament kien jipprovdi:

"Sat-tmiem ta' kull perjodu ta' tnax-il xahar, l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw, għall-perjodu kkonċernat, kull trasferimenti temporanji ta' parti tal-kwantitajiet individwali tar-referenza [kwantitajiet ta' referenza individwali] li l-produtturi li huma intitolati għalihom ma jkunux beħsiebhom jużawhom."

15 L-Artikolu 17(1) ta' dan ir-regolament kien jipprovdi:

"Il-kwantitajiet individwali ta' referenza [il-kwantitajiet ta' referenza individwali] għandhom ikunu ttrasferiti ma' l-azjenda lill-produtturi, li dawn jeħduha meta tinbiegħ, tingħata b'ċens [kiri], tiġi ttrasferita b'wirt attwali jew antiċipat jew inkella b'mezzi oħra li jinvolvu effetti legali kumparabbli lill-produtturi, fi qbil mar-regoli dettaljati li għandhom ikunu stabbiliti mill-Istati Membri, waqt li jitqiesu ż-żoni użati għall-produzzjoni tal-ħalib jew kriterji oġġettivi oħra u, fejn ikun jgħodd, kull ftehim li jsir bejn il-partijiet. Il-parti tal-kwantità tar-referenza li, fejn ikun jgħodd, ma tkunx ġiet ittrasferita ma' l-azjenda, għandha tiżdied għar-riżerva nazzjonali."

16 L-Artikolu 18(1) tar-Regolament Nru 1788/2003 kien jipprovdi:

"Bil-ħsieb li l-produzzjoni tal-ħalib tkun ristrutturata tajjeb jew li jitjieb l-ambjent, l-Istati Membri jistgħu, fi qbil ma' regoli dettaljati li dawn għandhom jistabbilixxu waqt li jqisu l-interessi leġittmi tal-partijiet ikkonċernati:

[…]

b) jistabilixxu fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi l-kondizzjonijiet li fuqhom il-produtturi jistgħu jiksbu, wara li jkunu ngħataw ħlas, fil-bidu tal-perjodu ta' tnax-il xahar, l-allokazzjoni mill-ġdid mill-awtorità kompetenti jew minn entità maħtura minn dik l-awtorità tal-kwantitajiet individwali tar-referenza [kwantitajiet ta' referenza individwali] mħollija definittivament fl-aħħar tal-perjodu ta' tnax-il xahar ta' qabel mill-produtturi l-oħra wara li jkunu ngħataw kumpens fi ħlas parzjali annwali wieħed jew aktar li jkun ugwali għall-ħlas imsemmi fuq;

[…]

e) jistabilixxu, fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi, ir-reġjuni jew ż-żoni ta' ġbir li fihom ikun awtorizzat it-trasferiment permanenti tal-kwantitajiet tar-referenza mingħajr it-trasferiment ta' l-art li tkun tikkorrispondi, bil-ħsieb li titjieb l-istruttura tal-produzzjoni tal-ħalib;

f) jawtorizzaw, wara li tkun saret applikazzjoni mill-produttur lill-awtorità kompetenti jew lil entità maħtura minn dik l-awtorità, it-trasferiment definittiv tal-kwantitajiet tar-referenza mingħajr ma jsir it-trasferiment ta' l-art li tkun tikkorrispondi, jew bil-maql[u]b, bil-ħsieb li titjieb l-istruttura tal-produzzjoni tal-ħalib fuq il-livell ta' l-azjenda jew biex tkun tista' tiżdied il-produzzjoni."

Il-leġiżlazzjoni fuq appoġġ dirett fil-kuntest tal-Politika Agrikola Komuni

17 B'mod partikolari bil-għan li jiġi żgurat livell ta' għajxien ekwu għall-popolazzjoni agrikola, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003, tad-29 ta' Settembru 2003, li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-Politika Agrikola Komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2019/93, (KE) Nru 1452/2001, (KE) Nru 1453/2001, (KE) Nru 1454/2001, (KE) Nru 1868/94, (KE) Nru 1251/1999, (KE) Nru 1254/1999, (KE) Nru 1673/2000, (KE) Nru 2358/71 u (KE) Nru 2529/2001 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 40, p. 269), kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 118/2005, tas-26 ta' Jannar 2005 (ĠU L 330M, p. 149, iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 1782/2003"), stabbilixxa l-iskema ta' pagament uniku kif ukoll ta' skemi oħra ta' appoġġ li jipprovdu pagamenti diretti, fosthom dak relatat mal-premium għall-prodotti mill-ħalib u għall-pagamenti supplementari. Dan ir-regolament tħassar u ġie ssostitwit bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009, tad-19 ta' Jannar 2009, li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007 u li jirrevoka ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 (ĠU L 30, p. 16). Madankollu l-kwistjoni fil-Kawża C-230/09 tibqa' rregolata, *ratione temporis*, bir-Regolament Nru 1782/2003.

18 Is-sistema stabbilita permezz ta' dan l-aħħar regolament kienet ibbażata, b'mod partikolari, fuq il-prinċipju ta' sostituzzjoni mill-appoġġ lill-produzzjoni għall-appoġġ lill-produttur, billi ġiet introdotta sistema maqtugħa mill-għajnuna fuq id-dħul għal kull azjenda agrikola, kif ukoll billi nġabru flimkien ċertu numru ta' pagamenti diretti mħallsa taħt l-iskemi differenti f'pagament uniku ddefinit abbażi ta' drittijiet preċedenti matul perijodu ta' referenza.

19 L-aħħar sentenza tal-premessa 29 ta' dan ir-regolament kienet tipprovdi li l-pagament uniku għandu jiġi ffissat fuq il-livell tal-azjenda agrikola.

20 L-Artikolu 62 tar-Regolament Nru 1782/2003 kien jikkonċerna l-implementazzjoni reġjonali tal-iskema ta' pagament uniku. Dan l-artikolu kien jipprovdi:

"[…] l-Istati Membri jistgħu jiddeċidu li l-ammonti li jirriżultaw mill-'premium' għall-prodotti tal-ħalib u pagamenti addizzjonali, ipprovduti fl-Artikoli 95 u 96, għandhom ikunu jkunu nklużi, parzjalment jew b'mod sħiħ, fl-iskema ta' pagament uniku mill-2005 'il quddiema. Drittijiet stabbiliti taħt dan il-paragrafu għandhom jiġu mibdula b'dan il-mod.

L-ammont ta' referenza għal dawk il-pagamenti għandu jkun ugwali għall-ammonti li ser ikunu mogħtija skond l-Artikoli 95 u 96 kalkulati fuq il-bażi tal-kwantità ta' referenza individwali [kwantità individwali ta' referenza] għall-ħalib disponibbli ġo l-azjenda fil-31 ta' Marzu tas-sena ta' inklużjoni, parzjalment jew b'mod sħih, ta' dawk il-pagamenti fl-iskema ta' pagament uniku.

[…]"

21 L-Artikolu 95 tar-Regolament Nru 1782/2003 kien jipprovdi:

"1. Mill-2004 sa l-2007, produtturi tal-ħalib għandhom jikkwalifikaw għall-'premium' għall-prodotti tal-ħalib. Għandu jingħata għal kull sena kalendarja, għal kull azjenda u għal kull tunnellata ta' kwantità ta' referenza individwali [kwantità individwali ta' referenza] eliġibbli għall-'premium' u disponibbli fl-azjenda.

[…]

3 Kwantitajiet ta' referenza individwali li kienu s-suġġett ta' trasferimenti temporanji skond l-Artikolu 6 tar-Regolament […] (KEE) Nru 3950/92 […] jew l-Artikolu 16 tar-Regolament […] (KE) Nru 1788/2003 […] fil-31 ta' Marzu tas-sena kalendarja konċernata għandhom, għal dik is-sena kalendarja, jiġu meqjusa disponibbli fl-azjenda tal-persuna li lilha qegħdin jiġu trasferiti.

[…]"

Il-leġiżlazzjoni nazzjonali

22 L-Artikolu 14(1) tad-Digriet dwar it-taxxa fuq il-ħalib [Verordnung zur Durchführung der EG-Milchabgabenregelung (Milchabgabenverordnung)] tad-9 ta' Awwissu 2004 (BGBl. I, p. 2143, iktar 'il quddiem il-"MilchAbgV") kien jipprovdi:

"Ix-xerrej jista' jalloka kwantitajiet ta' referenza tal-kunsinni li ma jkunux ġew użati matul il-perijodu ta' tnax-il xahar ikkonċernat (kunsinni nieqsa) lil produtturi oħra tal-ħalib li l-kunsinni tagħhom jkunu qabżu l-kwantitajiet ta' referenza tal-kunsinni li kienu allokati lilhom (forniturі ta' kwantitajiet eċċessivi). Il-kwantitajiet ta' referenza tal-kunsinni li ma jkunux intużaw jiġu allokati lill-fornitur ta' kwantitajiet eċċessivi inkwistjoni skont il-formula li ġejja:

Total tal-kunsinni nieqsa x kwantità ta' referenza tal-kunsinni tal-fornitur ta' kwantitajiet eċċessivi
Total tal-kwantitajiet ta' referenza tal-kunsinni tal-fornituri kollha ta' kwantitajiet eċċessivi".

[…]"

23 Skont l-Artikolu 2(1) tal-Liġi li timplementa l-Iskema ta' Pagament Uniku [Gesetz zur Durchführung der einheitlichen Betriebsprämie (Betriebsprämiendurchführungsges etz), BGBl. I 2004, p. 1868)] tas-26 ta' Lulju 2004, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja implementat l-iskema ta' pagament uniku fuq livell reġjonali mill-1 ta' Jannar 2005.

24 L-Artikolu 6 tad-Digriet dwar il-premium għall-prodotti mill-ħalib [Verordnung über die Durchführung der Milchprämie und der Ergänzungszahlung zur Milchprämie (Milchprämienverordnung)] tat-18 ta' Frar 2004 (BGBl. I, p. 267, iktar 'il quddiem il-"MilchPrämV") sar applikabbli għall-kalkolu tal-pagament uniku bis-saħħa tal-Artikolu 34(1) tad-Digriet dwar is-sistema integrata ta' tmexxija u ta' kontroll [Verordnung über die Durchführung von Stützungsregelungen und gemeinsamen Regeln für Direktzahlungen nach der Verordnung (EG) Nr. 1782/2003 im Rahmen des Integrierten Verwaltungs- und Kontrollsystems sowie zur Änderung der Kartoffe lstärkeprämienverordnung (InVeKoS-Verordnung)] tat-3 ta' Diċembru 2004 (BGBl. I, p. 3194).

25 L-Artikolu 6 tal-MilchPrämV kien jipprovdi:

"1. Il-kwantitajiet ta' referenza determinanti għall-għoti tal-premium għall-prodotti mill-ħalib u għall-pagament supplementari, li għandu l-produttur tal-ħalib fil-31 ta' Marzu tas-sena tat-talba, għandhom jiġu indikati permezz ta' ċertifikat […], fil-każ ta' kwantitajiet ta' referenza ta' 'kunsinna' għax-xerrej imsemmi fil-punt 2 tas-subparagrafu 2, maħruġ mill-uffiċċju tad-dwana kompetenti (uffiċċju tad-dwana prinċipali) (ċertifikat li jiddetermina l-kwantitajiet ta' referenza).

2. Fiċ-ċertifikat li jiddetermina l-kwantitajiet ta' referenza, jeħtieġ li fl-istess waqt jiġu indikati

1) il-kwantitajiet ta' ħalib u ta' prodotti oħra tal-ħalib li effettivament ġew ikkunsinnati jew ikkumemrċjalizzati mill-produttur tal-ħalib matul il-perijodu ta' tnax-il xahar li jintemm fil-31 ta' Marzu tas-sena tat-talba [...]

[...]"

Il-kawżi prinċipali u d-domandi preliminari

Il-Kawża C-231/09

26 It-talba għal deċiżjoni preliminari fil-Kawża C-231/09 tikkonċerna żewġ kawżi pendenti quddiem il-qorti tar-rinviju, waħda mibdija minn T. Aissen u l-oħra minn

H. Roman, it-tnejn li huma produtturi tal-ħalib li għamlu kunsinni matul il-perijodu ta' tnax-il xahar 2004/2005. Matul dan il-perijodu, kull wieħed minnhom ħa taħt it-tmexxija tiegħu azjenda agrikola li tipproduċi l-ħalib, li magħha kienet tikkorrispondi kwantità ta' referenza li ġiet ittrasferita lilhom flimkien ma' din l-azjenda agrikola, iżda li kienet intużat parzjalment mill-azjenda agrikola preċedenti, fir-rigward tal-imsemmi perijodu.

27 Kull wieħed minnhom talab lill-awtorità kompetenti sabiex tiċċertifika li l-kwantità ta' referenza tal-imprenditur agrikolu preċedenti kienet ġiet kollha kemm hi ttrasferita lilhom. Din l-awtorità ħarġet ċertifikat f'dan is-sens għal kull wieħed minnhom, iżda ppreċiżat li, fil-każ ta' trasferiment matul il-perijodu ta' tnax-il xahar, l-azjenda tal-ħalib għandha tindika lill-imprenditur agrikolu l-ġdid il-kwantità ta' referenza li għad trid tiġi kkunsinnata, billi tieħu inkunsiderazzjoni l-kwantità li diġà ġiet ikkunsinnata mill-imprenditur agrikolu preċedenti matul l-istess perijodu.

28 Abbażi ta' dawn iċ-ċertifikati u tal-informazzjonijiet ipprovduti mill-azjenda tal-ħalib ikkonċernata, il-Hauptzollamt Oldenburg ikkalkolat mill-ġdid il-kwantitajiet ta' referenza ta' T. Aissen u ta' H. Rohaan, u allokat lil kull wieħed minnhom, għall-perijodu ta' tnax-il xahar 2004/2005, biss il-parti tal-kwantità ta' referenza ttrasferita li fir-rigward tagħha ma kienx ġie kkunsinnat ħalib mill-imprenditur agrikolu preċedenti, fejn il-parti l-oħra tħalliet lil dan tal-aħħar għal dan il-perijodu.

29 Peress li kemm T. Aissen u kif ukoll H. Rohaan qabżu l-kwantitajiet ta' referenza tagħhom allokati għall-kunsinni rispettivi tagħhom, il-Hauptzollamt Oldenburg iffissat il-kontribuzzjoni ta' kull wieħed minnhom għat-taxxa.

30 Fil-kuntest tal-iffissar tat-taxxa, il-Hauptzollamt Oldenburg ipproċediet sabiex tagħmel allokazzjoni mill-ġdid tal-parti li ma ntużatx tal-kwantità ta' referenza nazzjonali allokata għall-kunsinni, kif previst fl-Artikolu 10(3) tar-Regolament Nru 1788/2003. Għal din l-allokazzjoni mill-ġdid, fil-każ ta' T. Aissen kif ukoll f'dak ta' H. Rohaan, hija ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-parti tal-kwantità ta' referenza li kienet tikkorrispondi għar-rispettiva azjenda agrikola li kull wieħed minnhom ħa

taħt it-tmexxija tiegħu matul il-perijodu kkonċernat u li kienet diġà ntużat mill-imprenditur agrikolu preċedenti.

31 T. Aissen u H. Rohaan ippreżentaw rikors kontra n-notifiki ta' ffissar tal-kontribuzzjoni għat-taxxa li kienu jikkonċernawhom rispettivament.

32 Il-Finanzgericht Hamburg (Qorti tal-finanzi ta' Hamburg) laqgħet dawn ir-rikorsi, peress li hija qieset li l-kwantità ta' referenza kollha li kienet tikkorrispondi għall-azjenda agrikola taħt tmexxija ġdida għandha tittieħed inkunsiderazzjoni, favur l-imprenditur agrikolu l-ġdid, meta ssir l-allokazzjoni mill-ġdid tal-parti mhux użata tal-kwantità ta' referenza nazzjonali allokata għall-kunsinni, mingħajr ma jittieħdu inkunsiderazzjoni l-kunsinni ta' ħalib magħmula mill-imprenditur agrikolu preċedenti.

33 Il-Hauptzollamt Oldenburg ippreżentat rikors fuq punt ta' liġi ("Reviżjoni") quddiem il-Bundesfinanzhof (Qorti federali tal-finanzi).

34 Skont din tal-aħħar, mill-Artikolu 5(k) tar-Regolament Nru 1788/2003 jirriżulta li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni t-trasferimenti, il-bejgħ, il-konverżjonijiet jew l-allokazzjonijiet mill-ġdid temporanji ta' kwantitajiet ta' referenza li saru matul perijodu ta' tnax-il xahar meta wieħed jeżamina, wara li dan il-perijodu jiskadi, jekk il-produttur ikkunsinnax iktar ħalib eżenti mit-taxxa milli kellu dritt. Dan id-dritt jiskadi ladarba jintuża. It-trasferiment ta' kwantità ta' referenza li diġà ntużat darba għaldaqstant ma jistax, ikun liema jkun il-kuntest ġuridiku li fih isir, jagħti lura d-dritt ta' kunsinna tal-ħalib eżenti mit-taxxa matul il-perijodu ta' tnax-il xahar rilevanti.

35 Madankollu, il-Bundesfinanzhof tqis li jista' jiġi kkunsidrat kunċett ta' kwantità ta' referenza bħala dritt astratt. F'dan ir-rigward, id-dritt tal-Unjoni ma jipprovdix, fl-ipoteżi ta' trasferiment ta' azjenda agrikola matul perijodu ta' tnax-il xahar, l-iffissar jew il-kalkolu ta' kwantità ta' referenza oħra, iżda jipprovdi t-teħid inkunsiderazzjoni ta' kwantità ta' referenza waħda biss, li l-użu tagħha hija madankollu għad-dispożizzjoni qabel kollox ta' produttur, imbagħad tal-ieħor, fejn l-aħħar produttur jista' jużaha biss sa fejn din ma ġietx eżawrita minħabba l-kunsinni ta' ħalib magħmula mill-ewwel produttur. Għaldaqstant ma jidhirx li l-kwantità ta' referenza għandha tinqasam skont metodu partikolari bejn il-produtturi suċċessivi.

36 B'hekk, jidher li huwa mixtieq, fil-kuntest tal-allokazzjoni mill-ġdid tal-parti mhux użata tal-kwantità ta' referenza nazzjonali, li tittieħed inkunsiderazzjoni, fil-każ ta' trasferiment ta' impriża agrikola matul perijodu ta' tnax-il xahar, il-kwantità ta' referenza individwali totali li tinsab għad-dispożizzjoni tal-imprenditur agrikolu l-ġdid fl-iskadenza ta' dan il-perijodu, anki jekk dan tal-aħħar qatt ma kellu d-dritt sħiħ li jikkunsinna din il-kwantità ta' ħalib b'eżenzjoni mit-taxxa.

37 Min-naħa l-oħra, il-Bundesfinanzhof ma teskludix li, b'mod partikolari minħabba r-riskju ta' trasferimenti spekulattivi li jistgħu jsiru bis-sempliċi għan li tinħoloq pożizzjoni aħjar fil-kuntest tal-allokazzjoni mill-ġdid tal-parti mhux użata tal-kwantità ta' referenza nazzjonali, tali diżassoċjazzjoni kunċettwali bejn l-użu tal-kwantità ta' referenza individwali u t-teħid inkunsiderazzjoni ta' din il-kwantità ta' referenza fil-kuntest tal-allokazzjoni mill-ġdid bħala l-"kwantità tar-referenza disponibbli", fis-sens tal-Artikolu 5(k) tar-Regolament Nru 1788/2003, tista' tkun kontra l-kliem u l-ispirtu tad-dritt tal-Unjoni, inklużi l-prinċipji ġenerali tal-organizzazzjoni tas-suq tal-ħalib.

38 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Bundesfinanzhof iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiema u li tagħmel id-domandi preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"(1) Id-dritt [tal-Unjoni], b'mod partikolari, l-Artikolu5(k) tar-Regolament (KE) Nru 1788/2003, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kwantità ta' referenza ta'

produttur li, matul perijodu kurrenti ta' tnax-il xahar, jakkwista azjenda agrikola mingħand produttur ieħor, ma tinkludix il-kwantità li fir-rigward tagħha, matul il-perijodu tat-tnax-il xahar inkwistjoni, il-ħalib ġie kkunsinnat mill-produttur l-ieħor qabel it-trasferiment tal-azjenda agrikola?

(2) Id-dispożizzjonijiet tad-dritt [tal-Unjoni] jew prinċipji ġenerali li jirregolaw l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-ħalib u tal-prodotti mill-ħalib jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li, fil-kuntest tal-ibbilanċjar tal-parti mhux użata tal-kwantità ta' referenza nazzjonali mal-provvisti ta' kwantitajiet eċċessivi msemmija fl-Artikolu 10(3) tar-Regolament Nru 1788/2003 fis-sitwazzjoni inkwistjoni fl-ewwel domanda, tawtorizza lill-prodottur, li jkun akkwista l-azjenda agrikola matul il-perijodu ta' tnax-il xahar, jinkludi l-parti tal-kwantità ta' referenza li diġà ġiet ikkunsinnata mill-prodottur l-ieħor sabiex jipparteċipa fl-allokazzjoni tal-parti mhux użata?"

Il-Kawża C-230/09

39 Kurt und Thomas Etling in GbR, kumpannija Ġermaniża rregolata bid-dritt ċivili, tipproduċi l-ħalib. Għas-sena ta' produzzjoni tal-ħalib 2004/2005, ġiet allokata lil din il-kumpannija kwantità ta' referenza għall-kunsinni ta' 553 678 kg, fid-dawl, b'mod partikolari, tal-fatt li, mis-sena 2000, hija kienet ittrasferiet b'kiri parti mill-kwantità ta' referenza tagħha allokata għall-provvisti li jammontaw għal 50 000 kg. Il-kuntratt ta' kiri ġie xolt matul ix-xahar ta' Frar 2005, b'tali mod li din il-parti tal-kwantità ta' referenza ġiet ittrasferita lill-imsemmija kumpannija mill-1 ta' Marzu 2005.

40 Fuq talba tagħha, l-awtorità agrikola kompetenti ħarġet ċertifikat li juri li kwantità ta' referenza allokata għall-provvista ta' 50 000 kg ġiet ittrasferita lilha mill-1 ta' Marzu 2005, li fiha madankollu ġie ppreċiżat li setgħet tintuża biss, għall-perijodi

ta' tnax-il xahar 2004/2005, il-parti ta' din il-kwantità ta' referenza li kienet għadha ma ġietx eżawrita, liema parti għandha tiġi ddeterminata mill-impriża tal-ħalib.

41 Qabel ix-xoljiment tal-kera, il-parti li ħarġet mill-kera kienet diġà kkunsinnat 50 000 kg ta' ħalib għal dan il-perijodu ta' tnax-il xahar. Abbażi taċ-ċertifikat imsemmi iktar 'il fuq u tal-informazzjoni pprovduta mill-impriża tal-ħalib, il-Hauptzollamt Koblenz, b'mod partikolari għall-finijiet tal-istabbiliment tat-taxxa dovuta, ikkalkolat mill-ġdid il-kwantità ta' referenza għall-kunsinni ta' Kurt und Thomas Etling in GbR u dak tal-imsemmi kerrej, u qieset li, peress li l-kwantità ta' referenza ġiet kompletament eżawrita minn dan tal-aħħar, din kellha tiġi inkluża, għall-imsemmi perijodu ta' tnax-il xahar, fuq il-kont tal-kerrej u mhux fuq il-kont ta' Kurt und Thomas Etling in GbR.

42 Għall-finijiet tal-kalkolu tal-premium għall-prodotti mill-ħalib, il-Hauptzollamt Koblenz ħarġet ċertifikat lil din il-kumpannija li fiha ma tteħditx inkunsiderazzjoni l-allokazzjoni lura tal-kwantità ta' referenza preċedentement ittrasferita fil-kera, b'tali mod li l-kwantità ta' referenza ta' 553 678 kg biss hija indikata f'dan iċ-ċertifikat.

43 Peress li l-ilment tagħha kontra l-imsemmi ċertifikat ġie miċħud, Kurt und Thomas Etling in GbR ippreżentat rikors quddiem il-Finanzgericht Rheinland-Pfalz (Qorti tal-Finanzi ta' Rheinland-Pfalz), li ġie milqugħ minn din tal-aħħar, billi qieset li, fiċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali, il-kisba ta' tali premium, taħt ir-Regolament Nru 1782/2003, ma jiddependix minn kunsinni eventwali magħmula mill-kerrej.

44 Il-Hauptzollamt Koblenz ippreżentat rikors fuq punt ta' liġi ("Reviżjoni") kontra din id-deċiżjoni quddiem il-Bundesfinanzhof.

45 Din tal-aħħar tqis li għandu jkun possibbli, fil-kuntest tal-Artikolu 95(1) tar-Regolament Nru 1782/2003, li jipprovdi li l-kalkolu tal-premium għall-prodotti mill-ħalib għandu jsir, b'mod partikolari, skont il-kwantità individwali ta' referenza ammissibbli għall-benefiċċju ta' dan il-premium u disponibbli fl-azjenda agrikola, li fil-każ ta' trasferiment ta' kwantità ta' referenza individwali matul perijodu ta' tnax-il xahar, l-imsemmi premium jiġi allokat skont il-kwantità ta' referenza individwali totali li, fl-iskadenza ta' dan il-perijodu, tinsab għad-dispożizzjoni tal-akkwirent tal-kwantità ta' referenza ttrasferita, anki jekk dan tal-aħħar ma kellu qatt id-dritt sħiħ li jikkunsinna din il-kwantità ta' ħalib eżenti mit-taxxa.

46 Madankollu, il-Bundesfinanzhof ma teskludix li tali diżassoċjazzjoni kunċettwali bejn l-użu tal-kwantità ta' referenza individwali u t-teħid inkunsiderazzjoni ta' din il-kwantità ta' referenza fil-kuntest tal-kalkolu tal-premium għall-prodotti mill-ħalib bħala l-"kwantità tar-referenza disponibbli" fis-sens tal-Artikolu 5(k) tar-Regolament Nru 1788/2003, tista' tkun kontra l-kliem u l-ispirtu tad-dritt tal-Unjoni, inklużi l-prinċipji ġenerali tal-organizzazzjoni tas-suq tal-ħalib.

47 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Bundesfinanzhof iddeċidiet li tissospendi l-proċedura quddiemha u li tagħmel id-domanda preliminari li ġejja lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"Id-dritt [tal-Unjoni], b'mod speċjali l-Artikolu 5(k) tar-Regolament Nru 1788/2003 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kwantità ta' referenza ta' produttur, matul il-perijodu li matulu kwantità ta' referenza tkun ġiet ittrasferita lilu minn produttur ieħor, ma tinkludix il-[parti tal-]kwantità [ta' referenza ttrasferita] li fuqha xi ħalib ikun diġà ġie kkunsinnat minn dan il-produttur l-ieħor matul il-perijodu ta' tnax-il xahar meħud inkunsiderazzjoni?"

48 Permezz ta' digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Awwissu 2009, il-Kawżi C-230/09 u C-231/09 ġew magħquda għall-finijiet tal-proċedura bil-miktub u orali kif ukoll tas-sentenza.

Fuq id-domandi preliminari

Osservazzjonijiet preliminari

49 Ir-Regolament Nru 1788/2003 kien jipprovdi każijiet differenti ta' trasferiment, bejn produtturi, ta' kwantitajiet ta' referenza individwali jew ta' partijiet minnhom. F'dan ir-rigward, il-leġiżlatur qies li kien opportun, minn naħa, li jipprovdi eċċezzjonijiet għall-prinċipju li jgħid li l-kwantità ta' referenza marbuta ma' azjenda agrikola hija ttrasferita magħha, u, min-naħa l-oħra, li għandhom jinżammu metodi ta' trasferiment jew ta' allokazzjoni mill-ġdid temporanji intiżi sabiex jippermettu lil ċerti produtturi jżidu, fil-limiti tal-kwantità ta' referenza nazzjonali, il-kwantità ta' ħalib ikkummerċjalizzat eżenti mit-taxxa għal perijodu ta' tnax-il xahar partikolari. B'mod partikolari, jikkostitwixxi tali metodu dak previst fl-Artikolu 10(3) tar-Regolament Nru 1788/2003, li kien jippermetti li tiġi allokata mill-ġdid il-parti mhux użata tal-kwantità ta' referenza nazzjonali lill-produtturi li għamlu kunsinni eċċessivi matul perijodu ta' tnax-il xahar.

50 Barra minn hekk, fl-Artikoli 17 u 18 tiegħu, dan ir-regolament kien jipprovdi għal trasferimenti ta' kwantitajiet ta' referenza li, filwaqt li saru matul dan il-perijodu jew fil-bidu tiegħu, ta' spiss kellhom rilevanza fuq il-kwantità ta' referenza ta' produttur wara t-tmiem tal-imsemmi perijodu. Fir-rigward ta' dawn it-trasferimenti, mill-istruttura ġenerali tar-Regolament Nru 1788/2003, mill-għan tagħha, li jiġi stabbilit mill-ġdid l-ekwilibriju bejn l-offerta u d-domanda fis-suq tal-ħalib, ikkaratterizzat minn żieda strutturali, permezz ta' limitazzjoni tal-produzzjoni tal-ħalib, li l-implementazzjoni ta' dan ir-regolament kellha l-intenzjoni li tiżgura, kif ukoll mill-prinċipju msemmi fil-premessa 10 tiegħu u stabbilit fl-Artikolu 6(5) tiegħu, li jgħid li s-somma tal-kwantitajiet allokati lill-produtturi minn Stat Membru u ta' dawk attribwiti minnu lir-riżerva nazzjonali ma għandhiex teċċedi l-kwantità ta' referenza nazzjonali, jirriżulta li l-kwantità ta' referenza individwali li hija s-suġġett ta' tali trasferiment

tista' tippermetti lill-produttur li qed jittrasferixxi jikkummerċjalizza ħalib eżenti mit-taxxa għall-istess perijodu biss sa fejn il-produttur preċedenti li kellu l-kwantità ta' referenza ma kienx użaha.

Fuq iż-żewġ domandi fil-Kawża C-231/09

51 Permezz taż-żewġ domandi tagħha fil-Kawża C-231/09, li għandhom jiġu eżaminati flimkien u fl-ewwel lok, il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja, essenzjalment, fuq il-kundizzjonijiet li fihom huwa permess li tiġi ffissata l-parteċipazzjoni fl-allokazzjoni mill-ġdid tal-parti mhux użata tal-kwantità ta' referenza nazzjonali allokata għall-kunsinni, prevista fl-Artikolu 10(3) tar-Regolament Nru 1788/2003, ta' produttur li kkunsinna b'eċċess, meta dan il-produttur ikun ħa taħt it-tmexxija tiegħu, matul il-perijodu ta' tnax-il xahar rilevanti, azjenda agrikola li magħha hija marbuta kwantità ta' referenza individwali u li fiha kien ġie prodott u kkunsinnat ħalib għal dan l-istess perijodu mill-produttur li kien joperaha preċedentement.

52 Qabel kollox, għandu jiġi osservat li l-Artikolu 10(3) tar-Regolament Nru 1788/2003 kien iħalli lill-Istati Membri l-għażla jekk jipproċedux jew le għal allokazzjoni mill-ġdid tal-parti mhux użata tal-kwantità ta' referenza nazzjonali allokata għall-kunsinni għall-produtturi li għamlu kunsinni eċċessivi qabel ma jistabbilixxi, skont il-metodi previsti fil-punt (a) jew fil-punt (b) ta' din id-dispożizzjoni, il-kontribuzzjoni ta' kull wieħed minn dawn il-produtturi għall-ħlas tat-taxxa dovuta għall-perijodu ta' tnax-il xahar rilevanti.

53 Sussegwentement għandu jiġi osservat li l-operazzjoni ta' allokazzjoni mill-ġdid tal-parti mhux użata tal-kwantità ta' referenza nazzjonali allokata għall-kunsinni u l-operazzjoni ta' stabbiliment tal-kontribuzzjoni tal-produtturi għall-ħlas tat-taxxa dovuta jikkostitwixxi żewġ operazzjonijiet separati, anki jekk huma marbutin, sa fejn

l-ewwel waħda ma hijiex obbligatorja u tippreċedi t-tieni waħda filwaqt li taffettwa r-riżultat ta' din tal-aħħar.

54 Barra minn hekk, mill-kliem stess tal-Artikolu 10(3) tar-Regolament Nru 1788/2003, jirriżulta li l-metodi previsti fil-punt (a) jew fil-punt (b) ta' din id-dispożizzjoni jikkonċernaw biss l-operazzjoni ta' stabbiliment tal-kontribuzzjoni tal-produtturi għall-ħlas tat-taxxa dovuta.

55 B'hekk, b'differenza għal dak li tqis il-Kummissjoni Ewropea, il-kriterju tal-"ammont li bih kull kwantità tar-referenza ta' produttur tkun inqabżet", previst fl-Artikolu 10(3) (a) tar-Regolament Nru 1788/2003, ma jikkonċernax l-operazzjoni ta' allokazzjoni mill-ġdid tal-parti mhux użata tal-kwantità ta' referenza nazzjonali allokata għall-kunsinni.

56 Fi kwalunkwe każ, il-kwantità ta' referenza disponibbli, hekk kif iddefinita fl-Artikolu 5(k) tar-Regolament Nru 1788/2003, ma tistax tikkostitwixxi kriterju għall-finijiet ta' din l-allokazzjoni mill-ġdid. Fil-fatt, minn din id-definizzjoni jirriżulta li din il-kwantità hija ddeterminata, b'mod partikolari, fid-dawl tal-"allokazzjonijiet temporanji mill-ġdid li hemm imsemmija f'dan ir-Regolament", fosthom l-allokazzjoni mill-ġdid prevista fl-Artikolu 10(3) ta' dan ir-regolament. Il-kwantità ta' referenza disponibbli, fis-sens tal-imsemmi Artikolu 5(k) għaldaqstant issir magħrufa biss wara din l-allokazzjoni mill-ġdid, sa fejn din tal-aħħar tkun seħħet.

57 Min-naħa l-oħra, għandu jiġi eżaminat jekk humiex applikabbli kriterji oħra previsti fl-Artikolu 10(3) fl-ipoteżi fejn Stat Membru jiddeċiedi li jipproċedi sabiex jagħmel tali allokazzjoni mill-ġdid.

58 F'dan ir-rigward, fil-verżjoni Ġermaniża, Franċiża, Portugiża u Slovena ta' din id-dispożizzjoni, il-leġiżlatur uża, rispettivament, il-kliem "Neuzuweisung […], die proportional zu den Referenzmengen der einzelnen Erzeuger oder nach objektiven,

von den Mitgliedstaaten festzulegenden Kriterien erfolgt" (allokazzjoni mill-ġdid li ssir b'mod proporzjonali għall-kwantitajiet ta' referenza ta' kull produttur jew skont kriterji oġġettivi ffissati mill-Istati Membri), il-kliem "après réallocation ou non, proportionnellement aux quantités de référence individuelles de chaque producteur ou selon des critères objectifs à fixer par les États membres, de la partie inutilisée de la quantité de référence nationale affectée aux livraisons" (wara allokazzjoni mill-ġdid jew le, b'mod proporzjonali għall-kwantitajiet ta' referenza individwali ta' kull produttur jew skont kriterji oġġettivi li għandhom jiġu ffissati mill-Istati Membri, tal-parti mhux użata tal-kwantità ta' referenza nazzjonali allokata għall-provvisti), il-kliem "após eventual reatribuição — proporcionalmente às quantidades de referência individuais de cada produtor ou de acordo com critérios objectivos a definir pelos Estados-Membros — da parte não utilizada da quantidade de referência nacional afectada às entregas" (wara allokazzjoni mill-ġdid eventwali, b'mod proporzjonali għall-kwantitajiet ta' referenza individwali ta' kull produttur jew skont kriterji oġġettivi li għandhom jiġu ddefiniti mill-Istati Membri, tal-parti mhux użata tal-kwantità ta' referenza nazzjonali allokata għall-provvisti) u l-kliem "porazdeljen ali ne, v sorazmerju z individualnimi referenčnimi količinami vsakega proizvajalca ali skladno z objektivnimi merili, ki jih določijo države članice" (allokata mill-ġdid jew le, b'mod proporzjonali għall-kwantitajiet ta' referenza individwali ta' kull produttur jew skont kriterji oġġettivi determinati mill-Istati Membri).

59 Madankollu jidher minn verżjonijiet lingwistiċi oħra tar-Regolament Nru 1788/2003, bħall-verżjoni Bulgara, Ingliża u Olandiża, li l-kliem "fi proporzjon għall-kwantitajiet tar-referenza individwali ta' kull produttur jew skond kriterji oġġettivi li għandhom jitwaqqfu mill-Istati Membri" li jinsabu fl-Artikolu 10(3) ta' dan ir-regolament, ma jirreferux għall-allokazzjoni mill-ġdid eventwali tal-parti mhux użata tal-kwantità ta' referenza nazzjonali allokata għall-kunsinni, iżda għall-istabbiliment tal-kontribuzzjoni tal-produtturi għall-ħlas tat-taxxa dovuta.

60 Skont ġurisprudenza stabbilita, minn naħa, il-kliem użat f'waħda mill-verżjonijiet lingwistiċi ta' dispożizzjoni legali tal-Unjoni ma jistax iservi bħala bażi unika għall-interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni jew jingħata, f'dan ir-rigward, prijorità fil-konfront tal-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-3 ta' April 2008, Endendijk, C-187/07, Ġabra p. I-2115, punt 23, kif ukoll

tad-9 ta' Ottubru 2008, Sabatauskas *et*, C-239/07, Ġabra p. I-7523, punt 38). Min-naħa l-oħra, il-verżjonijiet lingwistiċi differenti ta' test tad-dritt tal-Unjoni għandhom jiġu interpretati b'mod uniformi u, għalhekk, f'każ ta' diverġenzi bejn dawn il-verżjonijiet, id-dispożizzjoni inkwistjoni għandha tiġi interpretata abbażi tal-istruttura ġenerali u tal-għan tal-leġiżlazzjoni li minnha tifforma parti (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Endendijk, iċċitata iktar 'il fuq, punt 24, kif ukoll tad-29 ta' April 2010, M *et*, C-340/08, Ġabra p. I-3913, punt 44).

61 F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat, fl-ewwel lok, li, hekk kif tipprovdi l-premessa 14 tar-Regolament Nru 1788/2003, il-leġiżlatur xtaq jagħti ċerta flessibbiltà fl-amministrazzjoni tal-iskema ta' taxxa fis-settur tal-ħalib u tal-prodotti mill-ħalib billi awtorizza lill-Istati Membri jallokaw mill-ġdid il-kwantitajiet ta' referenza mhux użati fi tmiem perijodu.

62 Madankollu ma jidhirx li din il-possibbiltà kienet innovazzjoni fir-rigward ta' skema preċedenti jew inkella li saret emenda notevoli ta' din tal-aħħar mil-leġiżlatur fuq dan il-punt.

63 Bil-kontra, il-premessa 7 tar-Regolament Nru 3950/92, li ġie ssostitwit bir-Regolament Nru 1788/2003, kienet tgħid li, "bil-għan li tinżamm forma flessibbli biżżejjed ta' amministrazzjoni tal-iskema, jeħtieġ li tiġi pprovduta tpaċċija tal-ammonti li jkunu nqabżu tal-kwantitajiet ta' referenza individwali kollha li jkunu tal-istess natura ġewwa t-territorju tal-Istat Membru" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Hija f'din l-istess loġika li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament Nru 3950/92, li għalih kien sussegwentement jikkorrispondi l-Artikolu 10(3) tar-Regolament Nru 1788/2003, kien jipprovdi li, "[k]ull kontribuzzjoni tal-produtturi għall-ħlas tat-taxxa dovuta għandha tiġi stabbilita skont deċiżjoni tal-Istat Membru, wara li tkun saret jew ma tkunx saret allokazzjoni mill-ġdid tal-kwantitajiet ta' referenza mhux użati, jew fuq il-livell tax-xerrej skont l-ammonti li jkunu nqabżu wara li jkun qassam, b'mod proporzjonali għall-kwantitajiet ta' referenza li għandu kull wieħed minn dawn il-produtturi, il-kwantitajiet ta' referenza mhux użati, jew fuq il-livell nazzjonali skont

l-ammonti li jkunu nqabżu tal-kwantità ta' referenza li għandu kull wieħed minn dawn il-produtturi" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

64 Issa, mill-verżjonijiet lingwistiċi kollha ta' din l-aħħar dispożizzjoni jirriżulta b'mod ċar li kien fil-fatt it-tqassim tal-kwantitajiet ta' referenza mhux użati, jiġifieri l-allokazzjoni mill-ġdid ta' dawn il-kwantitajiet, li kellu jsir " b'mod proporzjonali għall-kwantitajiet ta' referenza li għandu kull wieħed minn dawn il-produtturi" [traduzzjoni mhux uffiċjali] u li l-kontribuzzjoni tal-produtturi għall-ħlas tat-taxxa dovuta kienet, fir-rigward tagħha, stabbilita skont l-ammont li jkun inqabeż tal-kwantità ta' referenza li għandu kull wieħed minn dawn il-produtturi.

65 Fit-tieni lok, għandu jiġi kkonstatat li kieku l-Artikolu 10(3) tar-Regolament Nru 1788/2003 kellu jiġi interpretat fis-sens li l-kliem "fi proporzjon għall-kwantitajiet tar-referenza individwali ta' kull produttur jew skond kriterji oġġettivi li għandhom jitwaqqfu mill-Istati Membri" huma relatati mal-istabbiliment tal-kontribuzzjoni tal-produtturi għall-ħlas tat-taxxa dovuta, il-kriterji li jinsabu f'din il-formulazzjoni jiżdiedu ma' dak ipprovdut fl-Artikolu 10(3)(a), jiġifieri "fuq livell lokali fuq il-bażi ta' l-ammont li bih kull kwantità tar-referenza ta' produttur tkun inqabżet", li, mill-inqas, jikkomplika għal xejn l-applikazzjoni tal-iskema ta' taxxa.

66 Mill-argumenti preċedenti jirriżulta li l-kriterji li jinsabu fl-imsemmija formulazzjoni japplikaw għall-allokazzjoni mill-ġdid tal-parti mhux użata tal-kwantità ta' referenza nazzjonali allokata għall-kunsinni.

67 Fir-rigward tal-portata preċiża ta' dawn il-kriterji, għandu jiġi osservat li l-verżjoni Ġermaniża tal-Artikolu 10(3) tar-Regolament Nru 1788/2003 kienet tuża l-kelma "Referenzmengen" (kwantitajiet ta' referenza).

68 Hekk kif inhu mfakkar fil-punt 60 ta' din is-sentenza, il-formulazzjoni użata f'waħda mill-verżjonijiet lingwistiċi ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni ma tistax isservi bħala bażi unika għall-interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni.

69 Issa, għandu jiġi kkonstatat li l-verżjonijiet lingwistiċi tal-imsemmi Artikolu 10(3), minbarra l-verżjoni Ġermaniża kienu jużaw il-kliem "kwantitajiet ta' referenza individwali", li barra minn hekk kienu ddefiniti fl-Artikolu 5(j) tar-Regolament Nru 1788/2003 bħala "kwantità tar-referenza ta' produttur fl-1 ta' April ta' kull perjodu ta' tnax-il xahar".

70 F'dawn iċ-ċirkustanzi, hekk kif isostnu l-Hauptzollamt Koblenz u l-Hauptzollamt Oldenburg, l-Artikolu 10(3) tar-Regolament Nru 1788/2003 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-allokazzjoni mill-ġdid tal-parti mhux użata tal-kwantità ta' referenza nazzjonali allokata għall-kunsinni għandha ssir b'mod proporzjonali għall-kwantità ta' referenza individwali ta' kull produttur li jkun ikkunsinna b'eċċess, jiġifieri l-kwantità ddeterminata fl-1 ta' April tal-perijodu ta' tnax-il xahar rilevanti, jew skont kriterji oġġettivi li għandhom jiġu ffissati mill-Istati Membri.

71 F'dan ir-rigward, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk, billi adottat l-Artikolu 14(1) tal-MilchAbgV, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja kellhiex l-intenzjoni li tapplika l-possibbiltà, prevista fl-Artikolu 10(3) tar-Regolament Nru 1788/2003, li tgħid li din l-allokazzjoni mill-ġdid għandha ssir b'mod proporzjonali għall-kwantità ta' referenza individwali ta' kull produttur li jkun ikkunsinna b'eċċess jew inkella jekk dan l-Istat Membri kellux l-intenzjoni, billi rrikorra għall-possibbiltà wkoll prevista f'din l-istess dispożizzjoni li jiffissa kriterji oġġettivi oħra għall-finijiet ta' din l-allokazzjoni mill-ġdid, jippermetti lil tali produttur, li matul il-perijodu ta' tnax-il xahar rilevanti, kienet ġiet ittrasferita lilu kwantità ta' referenza li fuqha kien diġà ġie prodott u kkunsinnat ħalib għal dan l-istess perijodu mill-produttur li preċedentement kellu din il-kwantità ta' referenza, jipparteċipa għall-imsemmija allokazzjoni mill-ġdid billi inkluda parti jew it-totalità ta' din il-kwantità ta' referenza.

72 Fir-rigward tal-ipoteżi fejn ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tkun għażlet l-ewwel soluzzjoni, għandu jiġi osservat li sa fejn il-kunċett ta' kwantità ta' referenza individwali, hekk kif iddefinit fl-Artikolu 5(j) tar-Regolament Nru 1788/2003, jirreferi għad-data tal-bidu tal-perijodu ta' tnax-il xahar rilevanti, dan ma jippermettix, fi kwalunkwe każ, it-teħid inkunsiderazzjoni ta' trasferimenti ta' kwantitajiet ta' referenza li saru matul dan il-perijodu.

73 Fir-rigward tal-ipoteżi fejn ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tkun għażlet it-tieni soluzzjoni, għandu jiġi kkonstatat li, billi pprovdiet il-possibbiltà għall-Istat Membri li jistabbilixxu, għall-finijiet tal-allokazzjoni mill-ġdid tal-parti mhux użata tal-kwantità ta' referenza nazzjonali allokata għall-kunsinni, kriterji oġġettivi minbarra dak tal-kwantità ta' referenza individwali, il-leġiżlatur tal-Unjoni kien ħallielhom, għal dan il-għan, marġni ta' diskrezzjoni wiesa' ħafna. Xorta jibqa' l-fatt li l-Istati Membri ma kellhomx setgħa li jintroduċu xi tip ta' kriterju f'dan ir-rigward.

74 Fil-fatt, meta jadottaw miżuri ta' implementazzjoni ta' leġiżlazzjoni tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom l-obbligu jeżerċitaw is-setgħa diskrezzjonali tagħhom billi josservaw, b'mod partikolari, il-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-20 ta' Ġunju 2002, Mulligan *et*, C-313/99, Ġabra p. I-5719, punt 35, kif ukoll tal-25 ta' Marzu 2004, Azienda Agricola Giorgio, Giovanni u Luciano Visentin *et*, C-495/00, Ġabra p. I-2993, punt 40), fosthom il-prinċipji ta' ċertezza legali, ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, ta' proporzjonalità u ta' nondiskriminazzjoni. Bl-istess mod, tali miżuri ta' implementazzjoni għandhom jirrispettaw id-drittijiet fundamentali bħad-dritt ta' proprjetà (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Mulligan *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 36).

75 Barra minn hekk, fid-dawl tal-fatt li l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik applikabbli fil-kawża prinċipali tidħol fil-kuntest tal-Politika Agrikola Komuni, tali leġiżlazzjoni ma tistax tiġi stabbilita jew applikata b'tali mod li tikkompromietti l-għanijiet segwiti minn din il-politika, u b'mod iktar partikolari dawk intiżi mill-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur tal-ħalib (ara, f'dan is-sens, is-sentenza

Mulligan *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 33). Għandha ssir referenza, f'dan is-sens, b'mod partikolari għall-prinċipji ta' funzjonament tas-sistema tat-taxxa, stabbiliti bir-Regolament Nru 1788/2003, inklużi dawk relatati mat-trasferimenti ta' kwantitajiet ta' referenza.

76 F'dan ir-rigward, għalkemm il-prinċipju msemmi fil-punt 50 ta' din is-sentenza, li jgħid li s-somma tal-kwantitajiet attribwiti lill-produtturi minn Stat Membru u ta' dawk attribwiti minn dan l-Istat Membru lir-riżerva nazzjonali ma għandhiex taqbeż il-kwantità ta' referenza nazzjonali, jaffettwa d-dritt ta' produttur li rċieva trasferiment ta' kwantità ta' referenza individwali diġà użata, parzjalment jew totalment, li jikkunsinna ħalib eżenti mit-taxxa, dan il-prinċipju ma jistax ikollu inċidenza fuq it-tranżazzjoni ta' allokazzjoni mill-ġdid prevista fl-Artikolu 10(3) tar-Regolament Nru 1788/2003. Fil-fatt, sa fejn din it-tranżazzjoni għandha bħala sempliċi għan li tippermetti lill-Istati Membri jqassmu, fi tmiem perijodu ta' tnax-il xahar, il-parti mhux użata tal-kwantità ta' referenza nazzjonali allokata għall-kunsinni bejn il-produtturi li kkunsinnaw b'eċċess, hija ma għandhiex influwenza fuq il-volum ta' din il-parti mhux użata u għaldaqstant ma hijiex tali li taffettwa l-ugwaljanza bejn, minn naħa, is-somma tal-kwantitajiet ta' referenza individwali u tal-kwantitajiet ta' referenza attribwiti mill-Istat Membru kkonċernat lir-riżerva nazzjonali u, min-naħa l-oħra, il-kwantità ta' referenza nazzjonali.

77 Għaldaqstant, kien legali għall-Istati Membri, fil-kuntest tal-implementazzjoni tal-possibbiltà prevista fl-Artikolu 10(3) tar-Regolament Nru 1788/2003 li jiffissaw "kriterji oġġettivi", li jippermettu lil dawn il-produtturi, meta tkun ġiet ittrasferita lilhom, matul il-perijodu ta' tnax-il xahar rilevanti, kwantità ta' referenza li għaliha diġà kien ġie kkunsinnat ħalib għal dan l-istess perijodu mill-produttur li preċedentement kellu din il-kwantità ta' referenza, jipparteċipaw fl-imsemmija allokazzjoni mill-ġdid billi jinkludu parti jew it-totalità ta' din il-kwantità ta' referenza, sa fejn din il-leġiżlazzjoni tosserva l-prinċipji imperattivi msemmija fil-punti 74 u 75 ta' din is-sentenza.

78 Madankollu l-Istati Membri għandhom jiżguraw ruħhom li tali leġiżlazzjoni tiġi stabbilita b'mod li ma tagħtix lok għal trasferimenti li, minkejja osservanza formali tal-kundizzjonijiet previsti bir-Regolament Nru Nru 1788/2003, ikollhom bħala sempliċi għan li jippermettu lil ċerti produtturi li jkunu kkunsinnaw b'eċċess jiksbu pożizzjoni iktar favorevoli meta ssir allokazzjoni mill-ġdid tal-parti mhux użata tal-kwantità ta' referenza nazzjonali allokata għall-kunsinni. Fil-fatt, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-applikazzjoni tar-regolamenti tal-Unjoni ma tistax tiġi estiża sabiex tkopri prattiki abbużivi ta' operaturi ekonomiċi (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-2 ta' Mejju 1996, Paletta, C-206/94, Ġabra p. I-2357, punt 24 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tal-14 ta' Diċembru 2000, Emsland-Stärke, C-110/99, Ġabra p. I-11569, punt 51).

79 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, hemm lok li jingħataw ir-risposti li ġejjin għad-domandi magħmula fil-Kawża C-231/09:

— L-Artikolu 10(3) tar-Regolament Nru 1788/2003 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-allokazzjoni mill-ġdid ta' parti mhux użata tal-kwantità ta' referenza nazzjonali allokata għall-kunsinni għandha ssir b'mod proporzjonali għall-kwantità ta' referenza individwali ta' kull produttur li kkunsinna b'eċċess, jiġifieri dik iddeterminata fid-data tal-1 ta' April tal-perijodu ta' tnax-il xahar rilevanti, jew skont kriterji oġġettivi li għandhom jiġu ffissati mill-Istati Membri. Il-kunċett ta' kwantità ta' referenza individwali, użat f'din id-dispożizzjoni, ma jippermettix it-teħid inkunsiderazzjoni ta' trasferimenti ta' kwantitajiet ta' referenza magħmula matul dan il-perijodu.

— Leġiżlazzjoni nazzjonali li timplementa l-possibbiltà, prevista fl-Artikolu 10(3) tar-Regolament Nru 1788/2003, li jiġu ffissati kriterji oġġettivi li jipprovdu li ssir l-allokazzjoni mill-ġdid tal-parti mhux użata tal-kwantità ta' referenza nazzjonali allokata għall-kunsinni għandha tosserva, b'mod partikolari, il-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll l-għanijiet segwiti mill-Politika Agrikola Komuni, u b'mod iktar partikolari dawk intiżi mill-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur tal-ħalib.

— Dawn l-għanijiet ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali, adottata fil-kuntest tal-implementazzjoni ta' din il-possibbiltà, li tippermetti lill-produtturi li kkunsinnaw b'eċċess, meta ġiet ittrasferita lilhom, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1788/2003, matul il-perijodu ta' tnax-il xahar rilevanti, kwantità ta' referenza individwali li għaliha diġà kien ġie prodott u kkunsinnat ħalib għal dan l-istess perijodu mill-produttur li preċedentement kellu din il-kwantità ta' referenza, li jipparteċipaw għal din l-allokazzjoni mill-ġdid billi jinkludu parti jew it-totalità ta' din il-kwantità ta' referenza. Madankollu l-Istati Membri għandhom jiżguraw ruħhom li tali leġiżlazzjoni ma tagħtix lok għal trasferimenti li, minkejja osservanza formali tal-kundizzjonijiet previsti minn dan ir-regolament, kellhom bħala sempliċi għan li jippermettu lil ċerti produtturi li kkunsinnaw b'eċċess jiksbu pożizzjoni iktar favorevoli meta ssir l-imsemmija allokazzjoni mill-ġdid.

Fuq id-domanda fil-Kawża C-230/09

80 Mid-deċiżjoni tar-rinviju fil-Kawża C-230/09 jirriżulta li l-kwistjoni prinċipali f'din il-kawża tikkonċerna d-determinazzjoni tal-kwantità ta' referenza li skontha l-ammont tal-premium għall-prodotti mill-ħalib li minnu kienu jibbenefikaw Kurt und Thomas Etling in GbR kellu jiġi ffissat. F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju titlob l-interpretazzjoni tal-Artikolu 5(k) tar-Regolament Nru 1788/2003 biss sa fejn hija tqis li l-Artikolu 95(1) tar-Regolament Nru 1782/2003, li kien jirregola l-kalkolu ta' dan il-premium fil-mument tal-fatti fil-kawża prinċipali, kien jirreferi, fir-rigward tal-imsemmi kalkolu, għall-imsemmi Artikolu 5(k).

81 F'dawn iċ-ċirkustanzi, id-domanda tal-qorti tar-rinviju għandha tinftiehem fis-sens li din tal-aħħar tistaqsi, essenzjalment, jekk l-espressjoni "kwantità ta' referenza individwali [kwantità individwali ta' referenza] eliġibbli għall-'premium' u disponibbli fl-azjenda", li jinsab fl-Artikolu 95(1) tar-Regolament Nru 1782/2003, għandhiex tinftiehem fis-sens li meta tiġi ttrasferita lill-produttur, matul il-perijodu ta' tnax-il xahar rilevanti, kwantità ta' referenza li diġà ntużat mill-persuna li preċedentement

kellha din il-kwantità ta' referenza matul l-istess perijodu, din l-espressjoni tinkludi wkoll din l-aħħar kwantità ta' referenza.

82 Qabel kollox, għandu jiġi eżaminat jekk il-premessa li tgħid li l-Artikolu 95(1) tar-Regolament Nru 1782/2003 kien jirreferi għall-kunċett ta' kwantità ta' referenza disponibbli hekk kif iddenfinit fl-Artikolu 5(k) tar-Regolament Nru 1788/2003 hijiex korretta.

83 Hekk kif osservaw kemm il-Kummissjoni, fis-sottomissjonijiet bil-miktub tagħha, kif ukoll l-Avukat Ġenerali, fil-punti 19 u 20 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-Artikolu 95(1) tar-Regolament Nru 1782/2003 ma kienx juża eżattament il-kliem "kwantità tar-referenza disponibbli" ddefiniti fl-Artikolu 5(k) tar-Regolament Nru 1788/2003. Xorti jibqa' l-fatt li, sa fejn l-imsemmi Artikolu 95(1) kien juża l-espressjoni "kwantità tar-referenza individwali [kwantità individwali ta' referenza]", l-użu tal-parti "disponibbli fl-azjenda" kien ikun inutli li kieku l-leġiżlatur kellu l-intenzjoni jirreferi għall-kunċett ta' "kwantità individwali tar-referenza [kwantità ta' referenza individwali]", imsemmija fl-Artikolu 5(j) tar-Regolament Nru 1788/2003.

84 Barra minn hekk, mill-Artikolu 95(3) tar-Regolament Nru 1782/2003 jirriżulta li l-kwantitajiet ta' referenza individwali li kienu s-suġġett ta' trasferimenti temporanji skont l-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 1788/2003 fil-31 ta' Marzu tas-sena kalendarja huma kkunsidrati li qegħdin għad-dispożizzjoni tal-azjenda tal-persuna li qed tittrasferixxi. Għaldaqstant hija f'din id-data li s-sitwazzjoni ta' produttur li jista' jibbenefika mill-premium għall-prodotti mill-ħalib għandha tiġi evalwata għall-finijiet tal-kalkolu ta' dan il-premium.

85 Issa, hija l-"kwantità tar-referenza disponibbli" li, skont il-kliem tal-Artikolu 5(k) tar-Regolament Nru 1788/2003, hija determinanti b'riferiment għall-imsemmija data.

86 Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, għandu jiġi kkonstatat li, fl-Artikolu 95(1) tar-Regolament Nru 1782/2003, il-kunċett ta' "kwantità tar-referenza disponibbli" kif iddefinit fl-Artikolu 5(k) tar-Regolament Nru 1788/2003, kien effettivament intiż mil-leġiżlatur.

87 Sussegwentement għandu jiġi eżaminat jekk, meta tkun ġiet ittrasferita lil produttur, matul il-perijodu ta' tnax-il xahar rilevanti, kwantità ta' referenza diġà użata mill-persuna li preċedentement kellha din il-kwantità ta' referenza matul l-istess perijodu, l-imsemmi kunċett jinkludix ukoll din l-aħħar kwantità ta' referenza.

88 Il-kunċett ta' "kwantità tar-referenza disponibbli" ddefinit fl-Artikolu 5(k) tar-Regolament Nru 1788/2003 jindika "il-kwantità tar-referenza disponibbli għall-produtturi fil-31 ta' Marzu tal-perjodu ta' tnax-il xahar li għalihom trid tinħadem it-taxxa, waqt li jitqiesu t-trasferimenti kollha, il-bejgħ, il-bidliet u l-allokazzjonijiet temporanji mill-ġdid li hemm imsemmija f'dan ir-Regolament li jkunu saru matul dak il-perjodu ta' tnax-il xahar." Għaldaqstant huwa għandu rwol partikolari fis-sistema ta' dan ir-regolament u, għaldaqstant, ma jistax jiġi analizzat barra minn dan il-kuntest.

89 Fil-fatt, mill-kliem tal-premessa 5 tar-Regolament Nru 1788/2003 kif ukoll minn dak tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4 u l-Artikolu 10(3)(a), jirriżulta li din il-kwantità ta' referenza sservi biss bħala bażi għad-determinazzjoni ta' kunsinni eċċessivi eventwali magħmula mill-produtturi u, b'hekk, tal-ammont tat-taxxa dovuta, fejn il-kliem "kwantità tar-referenza disponibbli" ma jintużaw f'ebda dispożizzjoni oħra ta' dan ir-regolament.

90 F'dan ir-rigward, li kieku kwantità ta' referenza individwali jew anki parti minnha setgħet, fil-każ ta' trasferiment, tiġi użata minn produttur biex jikkunsinna b'mod eżenti mit-taxxa għal perijodu ta' tnax-il xahar u, sussegwentement, mill-produttur li jibbenefika minn trasferiment sabiex jinkludiha fil-kwantità ta' referenza disponibbli tiegħu u li jnaqqas b'hekk il-kunsinna b'eċċess għal dan l-istess perijodu, tkun qed

tintuża għal darbtejn l-istess kwantità ta' referenza għall-istess perijodu ta' tnax-il xahar, liema ċirkustanza tmur kontra l-prinċipju msemmi fil-punt 50 u mfakkar fil-punt 76 ta' din is-sentenza, li jgħid li s-somma tal-kwantitajiet attribwiti lill-produtturi mill-Istati Membri u tal-kwantitajiet attribwiti lir-riżerva nazzjonali ma għandhiex taqbeż il-kwantità ta' referenza nazzjonali.

91 Din is-soluzzjoni hija wkoll konformi mal-istruttura ġenerali tar-Regolament Nru 1782/2003, sa fejn tevita r-riskju li jingħata premju għall-prodotti mill-ħalib, għall-istess perijodu, lil żewġ produtturi differenti abbażi tal-istess kwantità ta' referenza disponibbli.

92 Għalhekk, il-kunċett ta' kwantità ta' referenza disponibbli ma jistax jiġi diżassoċjat mill-użu magħmul mill-produtturi u għaldaqstant ma jistax jinkludi kwantità ta' referenza ttrasferita, jew parti minnha, li diġà ntużat minn produttur ieħor għall-istess perijodu ta' tnax-il xahar.

93 Għaldaqstant, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, hemm lok li r-risposta għad-domanda magħmula fil-Kawża C-230/09 tkun li l-kunċett ta' "kwantità ta' referenza individwali [kwantità individwali ta' referenza] eliġibbli għall-'premium' u disponibbli fl-azjenda", li jinsab fl-Artikolu 95(1) tar-Regolament Nru 1782/2003, li jikkorrispondi għall-kunċett ta' "kwantità tar-referenza disponibbli" ddefinit fl-Artikolu 5(k) tar-Regolament Nru 1788/2003, għandu jiġi interpretat fis-sens li, meta tkun ġiet ittrasferita lil produttur, matul il-perijodu ta' tnax-il xahar rilevanti, kwantità ta' referenza li fuqha kien diġà ġie kkunsinnat ħalib mill-persuna li tittrasferixxi matul l-istess perijodu, dan ma jinkludix, fir-rigward tal-persuna li qed tirċievi t-trasferiment, il-parti tal-kwantità ta' referenza ttrasferita li fuqha kien diġà ġie kkunsinnat ħalib eżenti mit-taxxa mill-persuna li qed tittrasferixxi.

Fuq l-ispejjeż

94 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 10(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1788/2003, tad-29 ta' Settembru 2003, li jistabbilixxi taxxa fil-qasam tal-ħalib u l-prodotti mill-ħalib, kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2217/2004, tat-22 ta' Diċembru 2004, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-allokazzjoni mill-ġdid ta' parti mhux użata tal-kwantità ta' referenza nazzjonali allokata għall-kunsinni għandha ssir b'mod proporzjonali għall-kwantità ta' referenza individwali ta' kull produttur li kkunsinna b'eċċess, jiġifieri dik determinata fid-data tal-1 ta' April tal-perijodu ta' tnax-il xahar rilevanti, jew skont kriterji oġġettivi li għandhom jiġu ffissati mill-Istati Membri. Il-kunċett ta' kwantità ta' referenza individwali, użat f'din id-dispożizzjoni, ma jippermettix it-teħid inkunsiderazzjoni ta' trasferimenti ta' kwantitajiet ta' referenza magħmula matul dan il-perijodu.**

2) **Leġiżlazzjoni nazzjonali li timplementa l-possibbiltà, prevista fl-Artikolu 10(3) tar-Regolament Nru 1788/2003, kif emendat bir-Regolament Nru 2217/2004, li jiġu ffissati kriterji oġġettivi li jipprovdu li ssir l-allokazzjoni mill-ġdid tal-parti mhux użata tal-kwantità ta' referenza nazzjonali allokata għall-kunsinni għandha tosserva, b'mod partikolari, il-prinċipji ġenerali**

tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll l-għanijiet segwiti mill-Politika Agrikola Komuni, u b'mod iktar partikolari dawk intiżi mill-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur tal-ħalib.

3) Dawn l-għanijiet ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali, adottata fil-kuntest tal-implementazzjoni ta' din il-possibbiltà, li tippermetti lill-produtturi li kkunsinnaw b'eċċess, meta ġiet ittrasferita lilhom, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1788/2003, kif emendat bir-Regolament Nru 2217/2004, matul il-perijodu ta' tnax-il xahar rilevanti, kwantità ta' referenza individwali li għaliha diġà kien ġie prodott u kkunsinnat ħalib għal dan l-istess perijodu mill-produttur li preċedentement kellu din il-kwantità ta' referenza, li jipparteċipaw għal din l-allokazzjoni mill-ġdid billi jinkludu parti jew it-totalità ta' din il-kwantità ta' referenza. Madankollu l-Istati Membri għandhom jiżguraw ruħhom li tali leġiżlazzjoni ma tagħtix lok għal trasferimenti li, minkejja osservanza formali tal-kundizzjonijiet previsti minn dan ir-regolament, kellhom bħala sempliċi għan li jippermettu lil ċerti produtturi li kkunsinnaw b'eċċess jiksbu pożizzjoni iktar favorevoli meta ssir l-imsemmija allokazzjoni mill-ġdid.

4) Il-kunċett ta' "kwantità ta' referenza individwali [kwantità individwali ta' referenza] eliġibbli għall-'premium' u disponibbli fl-azjenda", li jinsab fl-Artikolu 95(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003, tad-29 ta' Settembru 2003, li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2019/93, (KE) Nru 1452/2001, (KE) Nru 1453/2001, (KE) Nru 1454/2001, (KE) Nru 1868/94, (KE) Nru 1251/1999, (KE) Nru 1254/1999, (KE) Nru 1673/2000, (KE) Nru 2358/71 u (KE) Nru 2529/2001, kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 118/2005, tas-26 ta' Jannar 2005, li jikkorrispondi għall-kunċett ta' "kwantità tar-referenza disponibbli" ddefinit fl-Artikolu 5(k) tar-Regolament Nru 1788/2003, kif emendat bir-Regolament

Nru 2217/2004, għandu jiġi interpretat fis-sens li, meta tkun ġiet ittrasferita lil produttur, matul il-perijodu ta' tnax-il xahar rilevanti, kwantità ta' referenza li fuqha kien diġà ġie kkunsinnat ħalib mill-persuna li tittrasferixxi matul l-istess perijodu, dan ma jinkludix, fir-rigward tal-persuna li qed tirċievi t-trasferiment, il-parti tal-kwantità ta' referenza ttrasferita li fuqha kien diġà ġie kkunsinnat ħalib eżenti mit-taxxa mill-persuna li qed tittrasferixxi.

Firem